MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 523/2010

**Reno Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta'**
**Rock-Trench Limited – C27874**

**vs**

**Ic-Chairperson tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-Awtorita' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas id-danni sofferti mis-socjeta' attrici in segwitu (1) ghat-talba ghall-hrug ta' 'compliance certificates' ghal xoghol ta' kostruzzjoni ta' toroq u xoghol relatat, wara li dan ix-xoghol inghata lill-attrici mill-konvenuta skond l-anness "Dok. RT 1"; u (2) ghat-twaqqif tal-permessi lill-attrici mill-konvenuta arbitrarjament u ingustament skond l-anness

"Dok. RT 2", liema danni ma jeccedux is-somma ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro (€ 3,494).

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Awtorita' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi qed tirrespingi kull allegazzjoni u pretensjoni fil-konfront taghha bhala infondata fil-fatt u fid-dritt. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati qed jigu kkontestati. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet pprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega illi l-ammont li qed jintalab in forza tal-azzjoni odjerna jirraprezenta spejjez li s-socjeta' attrici giet kostretta li tghamel wara li l-Awtorita' konvenuta harget direttiva, applikabbli fil-konfront tal-kuntratturi kollha li kienu jghamlu xoghol relatat mal-kostruzzjoni tat-toroq, illi kellhom jottjenu *compliance certificates* fir-rigward ta' xoghol imwettaq minnhom. Illi l-istess rapprezentant jilmenta illi tali direttiva holqot pregudizzju ghas-socjeta' attrici minn zewg aspetti, u cioe' (i) illi x-xoghlijiet li dwarhom kien qed jintalab il-*compliance certificate* (li gew identifikati mill-Awtorita' permezz tan-numru tal-permess relattiv) kienu gew konkluzi bosta zmien qabel ma nghatat din id-direttiva, u ghalhekk kien ser ikun difficli ghall-Perit li kien ser iwettaq is-*site inspection* sabiex jiccertifika x-xoghol, ladarba kien kompletat, oltre illi l-istess socjeta' attrici kienet 'gia thallset minghand il-klijent tax-xoghol imwettaq, u ghalhekk din l-ispiza partikolari tac-certifikat kien ser

ikollha tbaghtiha l-istess socjeta’ attrici, kif fil-fatt gara, u wkoll (ii) illi l-Awtorita’ konvenuta ma kienetx ser tirrilaxxja aktar permessi in konnessjoni ma’ xoghol futur li kienet ser tghamel is-socjeta’ attrici fuq inkarigu ta’ terzi, qabel ma’ din twettaq dak mitlub mill-Awtorita’ konvenuta, u ghalhekk tibghat il-*compliance certificates* hekk mitluba.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara wkoll illi l-Awtorita’ konvenuta naqset milli taghti avviz tempestiv u f’waqtu dwar din id-direttiva, u saret taf dwarha permezz tal-ittri li kopji taghhom jinsabu in atti, u li gew ipprezentati mill-istess socjeta’ attrici mal-avviz promotur.

Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta’ attrici, permezz ta’ prospett li gie pprezentat minnu u mmarkat bhala Dok. X1 (a fol. 36), spjega li l-ammont reklamat jikkonsisti fil-hlas li gie mwettaq lill-Perit Alex Inguanez, sabiex dan irrilaxxja il-*compliance certificates* relattivi, li da parti tieghu kkonferma li rcieva l-hlas ghal tali certifikati, oltre spejjez li nkorriet l-istess socjeta’ attrici konsegwenza tal-fatt illi ma nharigx permess li kien mehtieg sabiex jinbeda xoghol progettat, li konsegwenza ta’ dan, kellu jigi pospost ghal data aktar ‘l boghod. F’dan ir-rigward is-socjeta’ attrici qed titlob rizarciment ta’ spejjez relatati mal-mobilizzar doppju tal-ingenji ghal fuq il-lant tax-xoghol, kif ukoll hlas ta’ pagi lill-impjegati taghha ghall-granet fejn ma setax isir xoghol, oltre telf ta’ dhul u spejjez ancillari ohra.

Illi da parti taghha, l-Awtorita’ konvenuta, li giet rapprezentata minn ufficjal direttament involut fil-qasam ta’ *quality assurance* fi hdan l-Awtorita’ konvenuta, ghamlet referenza ghal *policy framework* li nhareg mill-Awtorita’ fi Frar 2009, li in forza tieghu l-kuntratturi li jkunu qed iwettqu xoghol ta’ kostruzzjoni ta’ toroq, huma obbligati li jottjenu *compliance certificate* li permezz tieghu jigi kkonfermat li x-xoghol li jkun gie mwettaq sar skond is-sengha u l-arti u huwa konformi mal-istandards mehtiega. L-istess rapprezentant spjega kif din id-direttiva kienet tapplika ghal xoghlijiet kollha futuri, kif ukoll ghal dawk ix-xoghlijiet li kienu ghadhom ghaddejjin, u / jew gew konkluzi f’Jannar 2009. Dan ir-rapprezentant iddikjara illi l-kuntratturi kollha gew mgharrfa minnufih b’din id-direttiva

hekk kif dahlet fis-sehh, permezz ta' cirkolari u ittri, u li anke gew organizzati seminars sabiex tinghata l-informazzjoni mehtiega dwar l-aspetti kollha ta' din il-policy.

Illi l-istess rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta spjega kif, ghalkemm il-*policy framework* tindika illi l-*quality asurance unit* fi hdan l-Awtorita' konvenuta hija responsabbli sabiex ticcertifika xoghlijiet ta' kostruzzjoni ta' toroq, u dan sabiex jigi ikkonfermat illi x-xoghol sar skond l-istandards applikabbli ghal dan il-qasam, madanakollu, meta jkun progett ta' entita' zghira u li generalment jigi konkluz fi ftit jiem biss, allura ma jkunx dejjem possibbli li jmorru ufficjali minn dan id-Dipartiment sabiex jghamlu l-verifiki, u ghalhekk ikun mehtieg ic-certifikat in kwistjoni. Mentri f'xoghlijiet kbar, ufficjali mill-Awtorita' konvenuta jaghmlu t-testijiet u jiehdu s-samples f'diversi stadji tal-process ta' kostruzzjoni; madanakollu, anke f'dan il-kaz ikun mehtieg il-*compliance certificate*.

Ikkunsidra,

Illi mill-atti processwali, b'referenza partikolari ghall-*policy framework* u l-*press release* li gew pprezentati mill-Awtorita' konvenuta, jirrizulta illi l-istess Awtorita' tat direttiva illi kellu jinhareg u jigi sottomess lill-Awtorita' *compliance certificate* relattiv ghax-xoghlijiet kollha ta' kostruzzjoni ta' toroq. Illi mill-istess atti processwali jirrizulta illi din id-direttiva nghatat, u ghalhekk dahlet ukoll fis-sehh – ladarba ma jirrizultax mod iehor – fi Frar 2009. Dan jirrizulta kemm mill-*policy framework* li hija datata Frar 2009 u anke l-*press release* li hija datata 19 ta' Frar 2009. Illi fil-*policy framework* ma giex specifikat, u lanqas m'hemm ebda indikazzjoni, illi d-direttivi hemm kontenuti kellhom japplikaw retroattivament.

Illi l-bazi ta' din l-azzjoni, deskritta bhala azzjoni ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici, giet maqsuma fi tnejn, u dan fis-sens illi parti tirrigwarda spejjez li s-socjeta' attrici zborsat b'applikazzjoni retroattiva tal-*policy*, konsistenti fi hlas lill-Perit Arkitett ghal certifikati li gew mitluba mill-Awtorita' konvenuta anke ghal xoghlijiet li kienu gew

kompletati mis-socjeta' attrici qabel ma dahlet fis-sehh id-direttiva in kwistjoni, u in parte dwar spejjez li s-socjeta' attrici nkorriet ghaliex naqset milli taderixxi tempestivament mad-direttivi li tat l-istess Awtorita' konvenuta.

Illi minn ezami tad-dokument li jinsab a fol. 3 tal-atti, u li ntbaght mill-Awtorita' konvenuta lis-socjeta' attrici flimkien ma' ittra datata 25 ta' Marzu 2009, jirrizulta illi bosta mill-progetti elenkati gew konkluzi mis-socjeta' attrici qabel Frar 2009, u dan senjatament b'referenza ghall-permessi bin-numru 1178/2008 sa permess numru 1713/2008 rizultanti mill-istess lista.  Illi l-awtorita' konvenuta ordnat lis-socjeta' attrici sabiex tforni *compliance certificate* anke ta' dawn ix-xoghlijiet, ghaliex skond l-istess Awtorita' konvenuta, id-direttiva li nghatat minnha kienet applikabbli wkoll ghal xoghlijiet li kienu ghadhom ma gewx konkluzi, u / jew li nbdew minn Jannar 2009 'l quddiem.

Illi fl-assenza ta' provvediment specifiku f'dan is-sens, rizultanti mill-*policy framework* stess jew minn xi regolamenti ohra, dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-asserzjoni li saret mill-Awtorita' konvenuta illi l-*compliance certificates* kellhom isiru wkoll dwar xoghlijiet konkluzi f'Jannar 2009, u cioe' qabel ma dahlet fis-sehh, jew giet ippubblikata u pubblicizzata l-*policy framework* relattiva. Illi ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tas-socjeta' attrici limitatament in kwantu giet kostretta li thallas lill-Perit inkarigat minnha ghall-hrug ta' certifikati ghax-xoghlijiet li gew identifikati aktar 'l fuq bin-numru tal-permessi relattivi.

Illi skond il-lista ta' permessi li ntbaghtet mill-Awtorita' konvenuta lis-socjeta' attrici, li kopja taghha tinsab *a fol.* 3 tal-atti, l-istess socjeta' attrici intalbet tottjeni *compliance certificates* ghal tmien (8) progetti ta' kostruzzjoni ta' toroq li gew kompletati qabel Frar 2009.  Illi mqabbla din il-lista ma' dik li ntbaghtet sussegwentement mill-istess Awtorita' konvenuta lis-socjeta' attrici, u li tinsab *a fol.* 6 u 7 tal-atti, jirrizulta illi hemm diskrepanza ta' zewg permessi li qeghdin elenkati fit-tieni lista (permess numru 1156/2008 u 1572/2008) u mhux fl-ewwel lista, filwaqt illi fl-ewwel

lista hemm permess numru 1707/2008 li ma jirrizultax fit-tieni lista. Illi ghalhekk skond iz-zewg listi, is-socjeta' attrici ntalbet tottjeni *compliance certificates* in konnessjoni mal-hrug ta' tmien (8) jew disa' (9) permessi ghal xoghol li gie kompletat f'Jannar 2009 u anke qabel.

Illi b'referenza ghall-kont mahrug mill-Perit inkarigat mis-socjeta' attrici relattiv ghall-hrug tal-*compliance certificates* rikjesti mill-Awtorita' konvenuta (*a fol.* 32), u li jammonta ghal elf u erbghin Ewro (€1,040) relattiv ghal seba' u ghoxrin (27) permess, u ghalhekk bir-rata ta' tmienja u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€38.52c) ghal kull permess, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici limitatament ghall-ammont ta' tliet mija u tmien Ewro u hmistax-il centezmu (€308.15c) mill-ammont ihallas lill-Perit, rapprezentanti spejjez ta' tmien (8) certifikati li gew mitluba mill-Awtorita' konvenuta li, skond l-iskedi li ntbaghtu minnha stess (*a fol.* 3, 6 u 7), gew konkluzi qabel Frar 2009. Illi b'referenza ghall-kwantita' ta' permessi li qed jittiehdu in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' refuzjoni, u fid-dawl tad-diskrepanza bejn l-ewwel lista u t-tieni, u tenut kont illi kwalunkwe dubbju ghandu jimmilita a favur tal-Awtorita' konvenuta, qed tigi applikata r-rata ta' tmien (8) permessi u mhux disa' (9) ghall-finijiet ta' rizarciment.

Illi fir-rigward tat-tieni parti tat-talba tas-socjeta' attrici, u cioe' rizarciment ghal danni sofferti minnha in kwantu kien hemm telf ta' xoghol, imobilizzar doppju ta' ingenji u spejjez zejda minhabba illi ma nharigx f'waqtu permess li kien qorob sabiex jinhareg mill-Awtorita' konvenuta, u dan minhabba li s-socjeta' attrici ma ottemperatx ruhha tempestivament mad-direttivi moghtija mill-Awtorita' konvenuta, tali danni ma jirrizultax li huma gustifikati. Illi kif kellu okkazjoni li jispjega r-rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta, bosta spejjez ancillari – bhal m'huma l-hrug ta' polza ta' assigurazzjoni, u hlas ghat-tigdid tal-garanzija bankarja – dawn ma humhiex marbuta specifikament ma' bicca xoghol wahda, izda l-kuntrattur huwa tenut li jzommhom fis-sehh il-hin kollu, ladarba jkun qed iwettaq dan it-tip ta' xoghol regolarment – bhal ma jidher li huwa l-kaz tas-socjeta' attrici. Illi ghalhekk it-talba ghal

rizarciment ghal tali spejjez m'hix gustifikata, oltre l-fatt illi ma giet bl-ebda mod sostanzjata u korroborata.

Illi l-istess japplika f'dak li jirrigwarda dik il-parti tat-talba fejn qed jintalab kumpens ghall-hlas inutili ta' pagi lill-impjegati u mobilizzar doppju ta' ingenji, u ingenji wieqfa, in kwantu kif gie spjegat mir-rapprezentant tal-Awtorita' konvenuta, progett li jkun ser jigi mwettaq minn kuntrattur jkun jista' jinbeda biss ladarba jinhareg il-permess mill-Awtorita' konvenuta; illi ghalhekk jekk l-impjegati u l-ingenji intbaghtu fuq il-lant tax-xoghol qabel ma nhareg il-permess, dan sar kontra r-regolamenti applikabbli ghal tali progetti. Illi ladarba l-permess ma kienx inhareg, is-socjeta' attrici ma kellhiex taghti direttivi sabiex ingenji u impjegati jmorru fuq il-lant tax-xoghol, u ghalhekk ma tistax titlob rizarciment ghall-ispejjez inkorsi minnha inutilment f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' konvenuta, jilqa' *in parte* t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-Awtorita' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u tmien Ewro u hmistax-il centezmu (€308.15c).

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-Awtorita' konvenuta u in kwantu ghal terz mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------